Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

9770/22

ECOFIN 559
UEM 162
SOC 353
EMPL 235
COMPET 456
ENV 557
EDUC 226
RECH 349
ENER 265
JAI 820
GENDER 98
ANTIDISCRIM 78
JEUN 109
SAN 354

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 9422/22 - COM(2022) 623 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Portugall u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Portugall |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2022) 623 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Portugall u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2022 tal-Portugall**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

---

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
2 ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi sostenn finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment, li jinvolvi impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Din tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir, b'mod partikolari biex għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Tgħin ukoll biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi sostenibbli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq perjodu medju u twil ta' żmien. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tiġi aġġornata f'Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

(2) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2022 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan ikkunsidra kif dovut l-Impenn Soċjali ta' Porto ffirmat fis-7 ta' Mejju 2021 biex ikompli jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022 fil-25 ta' Marzu 2022. Fl-24 ta' Novembru 2021, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Portugall bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro[4] ("Rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro 2022") fil-5 ta' April 2022 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-14 ta' Marzu 2022.

---

**3** Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

**4** Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 153, 7.4.2022, p. 1).

(3) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali, biddlet b'mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri nħass, fost l-oħrajn, permezz ta' prezzijiet ogħla tal-enerġija, l-ikel u l-materja prima, u prospetti ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet ogħla tal-enerġija huma partikolarment ta' piż kbir fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li jgħixu fil-faqar enerġetiku jew li jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku kif ukoll fuq l-aktar kumpanniji vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-Unjoni qed tesperjenza wkoll influss bla preċedent ta' nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. L-effetti ekonomiċi li rriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kellhom impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[5] ġiet attivata għall-ewwel darba permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382[6], li tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-Unjoni, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali.

---

**5** Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

**6** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

(4) B'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika li qed tinbidel malajr, is-Semestru Ewropew jerġa' jibda l-koordinazzjoni wiesgħa tiegħu tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-2022, filwaqt li jevolvi f'konformità mar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif deskritt fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati hija essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa fiċ-ċikli tas-Semestru Ewropew tal-2019 u l-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u tal-2020 jibqgħu ugwalment rilevanti wkoll għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż oħra maħruġa sad-data tal-preżentazzjoni ta' tali pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati.

(5) Il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ilha attiva minn Marzu 2020. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali", il-Kummissjoni spjegat il-fehma tagħha li d-deċiżjoni dwar id-diżattivazzjoni jew il-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali jenħtieġ li tittieħed fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija, bil-livell ta' attività ekonomika fl-Unjoni jew fiż-żona tal-euro meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (tmiem l-2019) bħala l-kriterju kwantitattiv ewlieni. Inċertezza akbar u riskji negattivi qawwija għall-perspettiva ekonomika fil-kuntest tal-gwerra fl-Ewropa, żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija u disturbi kontinwi fil-katina tal-provvista jiġġustifikaw l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sal-2023.

(6) Skont l-approċċ fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021[7] li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Portugall, il-pożizzjoni fiskali ġenerali attwalment titkejjel l-aħjar bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) iżda bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju[8]. Lil hinn mill-pożizzjoni fiskali ġenerali, sabiex jiġi vvalutat jekk il-politika fiskali nazzjonali hijiex prudenti u jekk il-kompożizzjoni tagħha twassalx għal irkupru sostenibbli konsistenti mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, tingħata wkoll attenzjoni lill-evoluzzjoni tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment[9] (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) u l-investiment.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida wiesgħa għall-politika fiskali fl-2023 ("il-gwida fiskali") li għandha l-għan li tappoġġa t-tħejjija tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni ta' politika. Il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tal-prospettiva makroekonomika tat-tbassir tax-xitwa 2022, it-tranżizzjoni minn pożizzjoni fiskali aggregata ta' appoġġ fl-2020-2022 għal pożizzjoni fiskali aggregata ġeneralment newtrali, filwaqt li tinsab lesta li tirreaġixxi għas-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolvi, tidher xierqa fl-2023. Il-Kummissjoni ħabbret li r-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 jenħtieġ li jkomplu jiddifferenzjaw bejn l-Istati Membri u jqisu l-effetti konsegwenzjali possibbli bejn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jirriflettu l-gwida fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u taġġusta l-gwida politika tagħha kif meħtieġ u mhux aktar tard mill-pakkett tagħha tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tal-aħħar ta' Mejju 2022.

---

7 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Portugall, (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 102).

8 L-istimi dwar il-pożizzjoni fiskali u l-komponenti tagħha f'din ir-Rakkomandazzjoni huma stimi tal-Kummissjoni bbażati fuq is-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni. L-istimi tal-Kummissjoni ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv tar-riformi li huma parti mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

9 Mhux iffinanzjati minn għotjiet fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew fondi oħra tal-Unjoni.

(8) Fir-rigward tal-gwida fiskali, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 iqisu l-perspettiva ekonomika li marret għall-agħar, l-inċertezza akbar u aktar riskji negattivi, u l-inflazzjoni ogħla meta mqabbla mat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rispons fiskali għandu jespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, u jsostni l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli sabiex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-enerġija u jgħin biex jiġu limitati l-pressjonijiet inflazzjonarji mill-effetti sekondarji permezz ta' miżuri mmirati u temporanji. Il-politika fiskali għandha tibqa' aġli sabiex taġġusta għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu b'mod rapidu, inkluż l-isfidi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fir-rigward tad-difiża u s-sigurtà, u għandha tiddistingwi bejn l-Istati Membri skont is-sitwazzjoni fiskali u ekonomika tagħhom, inkluż fir-rigward tal-esponiment tagħhom għall-kriżi u l-influss ta' persuni spostati mill-Ukrajna.

(9) Fit-22 ta' April 2021, il-Portugall ippreżenta l-pjan tiegħu għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stipulati fl-Anness V ta' dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall[10]. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li ssostni li l-Portugall ikun laħaq b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.

---

10 ST 10149/2021+ADD 1 REV 1.

(10) Fid-29 ta' April 2022, il-Portugall ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu tal-2022 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tiegħu, f'konformità mal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Portugall dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.

(11) Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2022 għall-Portugall fit-23 ta' Mejju 2022. Dan ivvaluta l-progress tal-Portugall fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill fl-2019, l-2020 u l-2021 u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-Portugall tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, li jkompli jibni fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti li jirriżultaw mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Portugall fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni għamlet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Portugall u ppubblikat ir-riżultati tagħha fit-23 ta' Mejju 2022. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Portugall għaddej minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet huma relatati ma' dejn estern, privat u tal-gvern għoli f'kuntest ta' tkabbir baxx fil-produttività.

(13) Fl-14 ta' April 2022, il-Portugall ippreżenta abbozz ta' pjan baġitarju ġdid għall-2022. Valutazzjoni sħiħa ta' dak il-pjan għandha tiġi ppreżentata f'opinjoni tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

(14) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-20 ta' Lulju 2020[12], il-Kunsill irrakkomanda lill-Portugall biex fl-2020 u fl-2021 jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali, biex jindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, isostni l-ekonomija u jappoġġa l-irkupru li jirriżulta. Huwa rrakkomanda wkoll lill-Portugall biex, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, isegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fit-terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jsaħħu l-investiment. Fl-2021, skont data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Portugall niżel minn 5,8 % tal-PDG fl-2020 għal 2,8 %. Ir-rispons tal-politika fiskali mill-Portugall appoġġa l-irkupru ekonomiku fl-2021, filwaqt li l-miżuri ta' emerġenza temporanji naqsu minn 2,3 % tal-PDG fl-2020 għal 2,2 % fl-2021. Il-miżuri li ħa l-Portugall fl-2021 kienu konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020. Il-miżuri baġitarji diskrezzjonarji adottati mill-Gvern fl-2020 u l-2021 kienu fil-biċċa l-kbira temporanji jew imqabbla b'miżuri ta' tpaċija. Fl-istess ħin, uħud mill-miżuri diskrezzjonali adottati mill-Gvern matul il-perjodu 2020-2021 ma kinux temporanji jew ibbilanċjati minn miżuri ta' kumpens, li jikkonsistu prinċipalment minn infiq relatat mas-saħħa, inkluż ir-reklutaġġ ta' professjonisti tas-saħħa addizzjonali mis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa sabiex tissaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tiegħu. Skont data vvalidata mill-Eurostat, id-dejn tal-gvern estiż naqas minn 135,2 % tal-PDG fl-2020 għal 127,4 % tal-PDG fl-2021.

---

11 Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

12 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tal-Portugall u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tal-Portugall (ĠU C 282, 26.8.2020, p. 142).

(15) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-proġezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 huwa kawt fl-2022 u realistiku wara dan il-perjodu[13]. Il-Gvern jipproġetta li l-PDG reali jikber b'5,0 % fl-2022 u b'3,3 % fl-2023. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta tkabbir tal-PDG reali ta' 5,8 % fl-2022 u tkabbir aktar baxx tal-PDG reali ta' 2,7 % fl-2023. Id-differenza hija dovuta għal tkabbir aktar b'saħħtu fil-konsum privat u fl-esportazzjonijiet netti fit-tbassir tal-Kummissjoni għall-2022, u tkabbir aktar baxx fl-investiment u fl-esportazzjonijiet netti għall-2023. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2022, il-Gvern jistenna li d-defiċit nominali ser jonqos għal 1,9 % tal-PDG fl-2022 u għal 0,7 % fl-2023. It-tnaqqis fl-2022 jirrifletti b'mod prinċipali t-tkabbir qawwi fl-attività ekonomika u t-tnaqqis tal-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' emerġenza relatati mal-pandemija. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jonqos għal 120,8 % fl-2022, u li jonqos għal 115,4 % fl-2023. Skont il-miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit tal-gvern għall-2022 u l-2023 ta' 1,9 % tal-PDG u 1,0 %, rispettivament. Dan huwa konformi mad-defiċit ipproġettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 għall-2022 u kemxejn ogħla għall-2023, prinċipalment minħabba nfiq kurrenti ogħla fit-tbassir tal-Kummissjoni għas-sena tal-aħħar. It-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG aktar baxx ta' 119,9 % fl-2022 u proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG simili ta' 115,3 % fl-2023. Id-differenza fl-2022 hija dovuta għat-tbassir tal-Kummissjoni ta' tkabbir nominali tal-PDG aktar b'saħħtu f'dik is-sena. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-output potenzjali fuq perjodu medju (medja ta' 10 snin) huwa stmat fil-livell ta' 1,5 %. Madankollu, dik l-istima ma tinkludix l-impatt tar-riformi li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali tal-Portugall.

---

[13] Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 ippreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fid-29 ta' April 2022 kellu data ta' skadenza tal-25 ta' Marzu 2022, meta ġie ppreżentat lill-parlament nazzjonali. Fl-14 ta' April 2022, il-Portugall ippreżenta lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Euro l-abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2022, li kien jinkludi xenarju makroekonomiku kemxejn aġġornat għall-2022, meta mqabbel ma' dak fil-Programm ta' Stabbiltà. Fid-dettall, l-abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2022 kien fih reviżjoni kemxejn 'l isfel fit-tkabbir tal-PDG reali għal 4,9 % fl-2022 (minn 5,0 % fil-Programm ta' Stabbiltà), u reviżjoni 'l fuq fl-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) għal 4,0 % fl-istess sena (minn 3,3 % fil-Programm ta' Stabbiltà). Minkejja kompożizzjoni kemxejn differenti tal-finanzi pubbliċi, l-abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2022 żamm il-mira tad-defiċit tal-gvern estiż ta' 1,9 % tal-PDG għall-2022.

(16) Fl-2022, il-gvern neħħa gradwalment il-maġġoranza tal-miżuri meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, b'tali mod li l-miżuri ta' emerġenza temporanji huma pproġettati li jonqsu minn 2,2 % tal-PDG fl-2021 għal 0,7 % fl-2022. Id-defiċit tal-gvern fl-2022 huwa affettwat mill-miżuri adottati biex jikkumbattu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huma stmati għal 0,6 % tal-PDG fl-2022 u ser jitreġġgħu lura kompletament sal-2023[14]. Dawk il-miżuri jikkonsistu prinċipalment fi trasferimenti soċjali lejn unitajiet domestiċi ifqar, tnaqqis fit-taxxi indiretti fuq il-konsum tal-enerġija, u sussidji għall-konsum tal-enerġija. Dawk il-miżuri tħabbru bħala temporanji. Madankollu, f'każ li l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu għoljin fl-2023, xi wħud minn dawk il-miżuri jistgħu jitkomplew. Xi wħud minn dawk il-miżuri mhumiex immirati, b'mod partikolari t-tnaqqis ġenerali fit-taxxa fuq il-fjuwil. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat ukoll mill-kost biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huma pproġettati għal 0,1 % tal-PDG fl-2022[15].

(17) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Portugall għandu juża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru filwaqt li jsegwi politika fiskali prudenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li jippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lill-Portugall biex jillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fuq livell nazzjonali. Huwa rrakkomanda wkoll li l-Portugall isegwi, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fit-terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju, filwaqt li ssaħħaħ l-investiment biex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir.

---

**14** Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-livell tal-ispejjeż baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri meħuda mill-ħarifa tal-2021, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll - fejn rilevanti - il-miżuri tan-nefqa kapitali.

**15** Huwa preżunt li l-għadd totali ta' persuni spostati mill-Ukrajna lejn l-Unjoni ser jilħaq gradwalment is-sitt miljun sa tmiem l-2022, u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom hija stmata fuq il-bażi tad-daqs tad-dijaspora eżistenti, il-popolazzjoni relattiva tal-Istat Membru riċeventi, u d-distribuzzjoni reali ta' persuni spostati mill-Ukrajna madwar l-Unjoni f'Marzu 2022. Għall-ispejjeż baġitarji għal kull persuna, l-istimi huma bbażati fuq il-mudell ta' mikrosimulazzjoni tal-Euromod taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu kemm it-trasferimenti ta' flus kontanti li n-nies jistgħu jkunu eliġibbli għalihom kif ukoll il-benefiċċji in natura bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

(18) Fl-2022, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni u inkluż l-informazzjoni inkorporata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Portugall, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata li tkun ta' appoġġ fil-livell ta' -2,0 % tal-PDG[16]. Il-Portugall qed jippjana li jipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi jagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzja investiment addizzjonali kif rakkomandat mill-Kunsill. Il-kontribuzzjoni pożittiva lejn l-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tiżdied b'0,5 punti perċentwali tal-PDG, imqabbel mal-2021. L-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 0,2 punti perċentwali tal-PDG fl-2022[17]. Għalhekk, il-Portugall qed jippjana li jippreserva l-investiment iffinanzjat nazzjonalment, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1,1 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali kumplessiva. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,6 % tal-PDG), kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,1 % tal-PDG), filwaqt li żieda fil-kont tal-pagi tas-settur pubbliku, in-nefqa relatata mat-tixjiħ u l-konsum intermedju huma mistennija li jkomplu jagħmlu pressjoni 'l fuq fuq l-infiq attwali. B'mod partikolari, iż-żieda ogħla fil-prezzijiet tal-konsumatur meta mqabbla mad-deflatur tal-PDG hija pproġettata wkoll li taffettwa l-kontribuzzjoni espansjonarja tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment għall-pożizzjoni fiskali ġenerali fl-2022, billi żżid l-infiq fuq il-konsum pubbliku ta' oġġetti u servizzi. Il-Portugall huwa mistenni li jillimita b'mod ġenerali t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2022, billi l-kontribut espansjonarju sinifikanti tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2022 huwa prinċipalment dovut għall-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna.

[16] Sinjal negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

[17] Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,2 punt perċentwali tal-PDG.

(19) Fl-2023, fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni l-pożizzjoni fiskali hija pproġettata li tkun fil-livell ta' 0,0 % tal-PDG fuq preżunzjoni ta' ebda bidla fil-politika[18]. Il-Portugal huwa pproġettat li jkompli juża l-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 biex jiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru. Il-kontribuzzjoni pożittiva lejn l-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tiżdied b'0,2 punti perċentwali tal-PDG, imqabbel mal-2022. L-investiment iffinanzjat f'livell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,3 punt perċentwali tal-PDG fl-2023[19]. Fl-istess waqt, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,7 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dan jinkludi l-impatt mit-tneħħija gradwali tal-miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,6 % tal-PDG). Fl-istess ħin, iż-żieda ogħla fil-prezzijiet tal-konsumatur meta mqabbla mad-deflatur tal-PDG fl-2022 hija pproġettata li taffettwa l-kontribut tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment għall-pożizzjoni fiskali ġenerali fl-2023, billi żżid l-infiq fuq il-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali bħala riżultat tal-indiċjar.

(20) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 0,3 % tal-PDG fl-2024 u li jilħaq pożizzjoni bilanċjata fl-2025. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż hu ppjanat li jibqa' taħt it-3 % tal-PDG matul l-orizzont tal-Programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa mistenni li jonqos sal-2025, b'mod speċifiku bi tnaqqis sa 109,8 % fl-2024 u li jkompli jonqos għal 105,9 % fl-2025. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jidher li hemm riskji għolja fuq perjodu medju ta' żmien fejn tidħol is-sostenibbiltà tad-dejn.

18 Sinjal pożittiv tal-indikatur jikkorrispondi għal defiċit fit-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali restrittiva.

19 Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,2 punt perċentwali tal-PDG.

(21) Kompożizzjoni aktar favorevoli għat-tkabbir tal-finanzi pubbliċi, kemm fuq in-naħa tad-dħul kif ukoll fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit pubbliku, tappoġġa s-sostenibbiltà fiskali fit-tul tal-Portugall, ittejjeb l-ambjent tan-negozju u tikkontribwixxi għal irkupru inklużiv. Fir-rigward tas-sistema tat-taxxa tal-Portugall, hemm evidenza[20] li tindika li s-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa tal-pajjiż hija pjuttost ikkumplikata u mhux trasparenti biżżejjed (ġew identifikati aktar minn 500 benefiċċju tat-taxxa, mifruxa fuq aktar minn 60 test legali), u li l-effiċjenza ekonomika tal-infiq tat-taxxa tkun tibbenefika minn monitoraġġ u valutazzjoni konsistenti. Barra minn hekk, l-istruttura tar-rata tat-taxxa korporattiva hija aggravata minn soprataxxi statali u muniċipali, li jiġġeneraw kumplessità għall-kontribwenti u piż addizzjonali għall-amministrazzjoni tat-taxxa. It-taxxa diretta minn ras il-għajn ta' spiss tkun għolja wisq, u dan jirriżulta f'talbiet imdaqqsa għal rifużjoni fis-sena ta' wara. L-ispiża rikorrenti tal-ġbir tat-taxxa huwa relattivament għoli (fl-2019, kien madwar 20 % ogħla mill-medja tal-UE-27) u l-investiment tal-amministrazzjoni tat-taxxa fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni huwa baxx meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni (5,7 % tan-nefqa operattiva tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-2019, kienet qrib nofs il-medja tal-UE-27). F'dan l-isfond, li l-amministrazzjonijiet tad-dħul isiru aktar effiċjenti jgħin biex jitnaqqas iż-żmien biex jitħallsu t-taxxi fil-Portugall u l-ammont tal-arretrati tat-taxxa pendenti (b'37,1 % tad-dħul nett totali fi tmiem l-2019, dawn kienu fost l-ogħla fl-Unjoni). Fir-rigward tas-sistema ta' protezzjoni soċjali tal-Portugall, l-effettività tat-trasferimenti soċjali fit-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza hija taħt il-medja tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-adegwatezza tal-introjtu minimu hija baxxa fil-livell ta' 37,5 % tal-livell limitu tal-faqar (fl-Unjoni: 58,9 %). 58,9 %). Fl-istess ħin, għadd kbir ta' benefiċċji soċjali jidhru li jaqdu objettivi simili, li jwasslu wkoll għal kumplessità. Il-frammentazzjoni li tirriżulta tas-sistema tal-protezzjoni soċjali tirriżulta f'rati ta' użu relattivament baxxi u nuqqas ta' fokus effettiv fuq dawk l-aktar fil-bżonn, li xxekkel il-kopertura u fl-aħħar mill-aħħar l-adegwatezza tal-benefiċċji soċjali. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar hija partikolarment importanti.

---

20 "Tax benefits in Portugal – concept, methodology and practice", Grupp ta' Ħidma dwar il-Benefiċċji tat-Taxxa, Mejju 2019.

(22) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin bi skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni li għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Dawn jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Portugall mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-adozzjoni ta' pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. B'mod partikolari, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jippromwovi l-investiment għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. It-titjib tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-intrapriżi tal-istat huwa ċentrali għall-pjan. Il-pjan għandu l-ambizzjoni li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u li jtejjeb l-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità u għal kura fit-tul. Il-pjan għandu l-għan li jtejjeb il-livell ġenerali tal-ħiliet tal-popolazzjoni inkluż il-ħiliet diġitali għal diversi gruppi tal-popolazzjoni u li jsaħħaħ l-offerta tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Il-pjan jinkludi investimenti sinifikanti biex jittejbu s-servizzi soċjali, inkluż billi tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli. Il-pjan jintroduċi miżuri rilevanti biex titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, u biex jiġu appoġġati l-impjieg ta' kwalità u l-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi. Il-pjan għandu l-għan b'mod partikolari li jappoġġa l-użu tat-teknoloġiji diġitali miċ-ċittadini u n-negozji. B'mod sinifikanti, il-pjan jintroduċi miżuri li jippromwovu l-aċċess għall-finanzi, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u li jippromwovu l-investiment privat u pubbliku għall-irkupru ekonomiku tal-pajjiż. Il-pjan jistabbilixxi riformi u investimenti sinifikanti biex jiġi promoss l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u biex dawn isiru aktar effiċjenti u effettivi. Il-pjan huwa ambizzjuż fl-indirizzar tal-isfidi tal-ambjent tan-negozju u fit-titjib tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja.

(23) L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Portugall mistenni jikkontribwixxi biex isir aktar progress fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi fil-Portugall jammontaw għal 37,9 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li l-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jammontaw għal 22,1 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri rilevanti, ser tgħin lill-Portugall jirkupra malajr mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tiegħu. L-involviment sistematiku tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, biex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

(24) Il-Portugall ippreżenta l-Ftehim ta' Sħubija previst fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] fl-4 ta' Marzu 2022 filwaqt li l-programmi l-oħra tal-politika ta' koeżjoni previsti f'dak ir-Regolament ġew ippreżentati fl-4 ta' Ġunju 2022. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, il-Portugall għandu jqis ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi fl-ipprogrammar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027. Dan huwa prerekwiżit għat-titjib tal-effettività u l-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġu promossi l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn dawk il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u strumenti u fondi oħra tal-Unjoni. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiddependi wkoll mit-tneħħija ta' ostakli għall-investiment biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.

---

21 Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

(25) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Portugall qed jiffaċċja għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mal-ekonomija ċirkolari. B'mod partikolari, il-Portugall huwa ferm taħt il-medja tal-Unjoni fir-rigward tal-indikaturi tal-immaniġġar tal-iskart. Ir-rata medja ta' riċiklaġġ muniċipali hija baxxa u qed tonqos, b'disparitajiet reġjonali. Il-Portugall ma laħaqx il-mira tal-Unjoni li jirriċikla 50 % tal-iskart muniċipali sal-2020. Ir-rata globali ta' riċiklaġġ kienet ta' 29 % fl-2019 u ta' 26,5 % fl-2020 (data proviżorja), meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni ta' 48 %. Il-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-10 snin li ġejjin, inkluż l-ilħiq ta' 55 % tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali sal-2025, ser teħtieġ sforzi sinifikanti. Huwa meħtieġ titjib biex jiżdiedu l-prevenzjoni, il-minimizzazzjoni, is-separazzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart, u b'hekk l-iskart jiġi ddevjat minn miżbliet jew inċineraturi, u biex jiġu mmodernizzati l-faċilitajiet tar-riċiklaġġ u t-trattament tal-iskart. Iż-żieda fit-tariffi għar-rimi fil-miżbliet u l-inċinerazzjoni, l-introduzzjoni ta' taxxa fuq l-iskart residwu u ż-żieda fit-tariffi fuq il-muniċipalitajiet li jonqsu milli jilħqu l-miri tar-riċiklaġġ huma eżempji tajbin ta' kif jistgħu jintlaħqu aħjar dawk l-objettivi. Barra minn hekk, l-estensjoni tal-ġbir separat tal-iskart u l-iżvilupp ulterjuri ta' sistemi ta' "ħallas skont kemm tarmi" jistgħu jaċċelleraw il-proċess.

(26) Bi tweġiba għall-mandat tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni, stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, il-proposta tal-Kummissjoni għal pjan REPowerEU għandu l-għan li jelimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja malajr kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni biħsiebha tidentifika l-aktar proġetti, investimenti u riformi xierqa fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni fi djalogu mal-Istati Membri. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u jmexxu l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili 'l bogħod mir-Russja.

(27) Il-Portugall għandu sehem għoli ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (terz tat-taħlita tal-enerġija tiegħu) u mhuwiex dipendenti ħafna fuq il-fjuwils fossili Russi. Madankollu, iż-żejt u l-gass (fil-biċċa l-kbira gass naturali likwifikat (LNG) għadhom jirrappreżentaw żewġ terzi tal-provvista tal-enerġija primarja tiegħu bi 42 % u 24 % rispettivament, skont id-data tal-2020. Il-faħam tneħħa gradwalment għall-produzzjoni tal-elettriku fl-2021 iżda l-konsum tal-gass żdied b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin, parzjalment minħabba disponibbiltà aktar baxxa tal-enerġija idroelettrika minħabba n-nixfiet. B'10 % tal-importazzjonijiet tal-gass ġejjin mir-Russja, il-Portugall għandu proporzjon ta' dipendenza ferm taħt il-medja tal-Unjoni ta' 44 %, minħabba d-dipendenza kbira tiegħu fuq l-LNG, u ma jimporta l-ebda żejt u faħam mir-Russja[22]. Madankollu, il-Portugall jimporta 100 % tal-fjuwils fossili tiegħu. It-tnaqqis ta' din id-dipendenza ġenerali fuq l-importazzjoni, permezz ta' żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni li tiffoka fuq enerġija aktar affordabbli, sigura u sostenibbli, ser jirrikjedi sfruttament ulterjuri tal-potenzjal solari u tar-riħ Portugiż, partikolarment lil hinn mill-kosta, b'mod partikolari billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi, u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva. L-aġġornament tal-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, inkluż b'teknoloġiji kurrenti diretti, kif ukoll l-iffaċilitar ta' investimenti fil-ħżin tal-enerġija elettrika u fl-idroġenu rinnovabbli, bil-kapaċità addizzjonali rispettiva ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jippermettu l-provvista ta' enerġija flessibbli u reattiva malajr, kruċjali għall-ġestjoni ta' sistema b'sehem għoli ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-livell baxx ta' interkonnessjoni tal-elettriku ma' Spanja (u fl-aħħar mill-aħħar ma' Franza) jirrappreżenta wkoll sfida għar-reżiljenza tas-sistema tal-elettriku tal-Portugall u l-Unjoni. Interkonnessjonijiet transfruntiera addizzjonali jistgħu jappoġġaw integrazzjoni akbar tal-kapaċità ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli tal-Peniżola Iberika fis-suq uniku tal-enerġija, inkluż infrastruttura tal-gass lesta għall-idroġenu peress li tista' tikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass fis-suq intern u tgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal fit-tul għall-idroġenu rinnovabbli.

[22] Eurostat (2020), is-sehem tal-importazzjonijiet Russi fuq l-importazzjonijiet totali ta' gass naturali, żejt mhux raffinat u faħam iebes. Għall-medja tal-EU27, l-importazzjonijiet totali huma bbażati fuq importazzjonijiet barra l-EU27. Għall-Portugall, l-importazzjonijiet totali jinkludu l-kummerċ intra-UE. Iż-żejt mhux raffinat ma jinkludix prodotti taż-żejt raffinat.

Biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini, skemi ta' finanzjament xierqa, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi jżidu b'mod sinifikanti l-effikaċja tal-isforzi ta' investiment. Barra minn hekk, hemm bżonn li s-settur tat-trasport jiġi dekarbonizzat aktar, inkluż billi jitħaffef l-użu tal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettroniku u jiġu avvanzati l-proġetti ewlenin tal-ferroviji, taċ-ċikliżmu u tat-trasport pubbliku. Sabiex il-Portugall ikun konformi mal-objettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %", ser tkun meħtieġa żieda ulterjuri fl-ambizzjoni fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll żieda fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

(28) Filwaqt li l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u lil hinn mill-fjuwils fossili ser toħloq spejjeż sinifikanti ta' ristrutturar f'diversi setturi, il-Portugall jista' jagħmel użu mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex itaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fl-aktar reġjuni milquta. Barra minn hekk, il-Portugall jista' jagħmel użu mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], biex itejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali.

(29) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 u l-opinjoni tiegħu[24] hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).

(30) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2022 dwar iż-Żona tal-Euro. Għall-Portugall, dan huwa rifless b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2).

---

23 Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

24 Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

(31) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tagħha, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2) u (4). Ir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro tal-2022, b'mod partikolari l-ewwel u r-raba' rakkomandazzjoni. Il-politiki fiskali msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jgħinu, fost l-oħrajn, biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi marbuta ma' dejn tal-gvern estiż għoli f'kuntest ta' tkabbir baxx fil-produttività. Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (2) jgħinu, fost l-oħrajn, it-tnaqqis tad-dejn tal-gvern estiż, privat u estern billi l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tappoġġa t-tkabbir filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija. Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (4) jgħinu, fost l-oħrajn, biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta ma' dejn estern għoli fit-tul,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Portugall jieħu azzjoni fl-2022 u fl-2023 biex:

1. Fl-2023, jiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi jillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali taħt it-tkabbir tal-output potenzjali fil-perjodu medju, filwaqt li jqis l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u l-aktar ditti vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għall-persuni li jaħarbu mill-Ukrajna. Ikun lest jaġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Jespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija billi jqis l-inizjattiva RePowerEU, inkluż billi jagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni. Għall-perjodu ta' wara l-2023, isegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u jiżgura tnaqqis kredibbli u gradwali tad-dejn u sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju permezz ta' konsolidazzjoni gradwali, investiment u riformi. Itejjeb l-effettività tas-sistemi tat-taxxa u tal-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari billi jiġu ssimplifikati ż-żewġ oqfsa, jsaħħaħ l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet rispettivi tagħhom, u jnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat.

2. Jipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri maqbula inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Jiffinalizza malajr in-negozjati mal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' programmar tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 bil-ħsieb li jibda l-implimentazzjoni tagħhom.

3. Itejjeb il-kundizzjonijiet għal tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari billi jżid il-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart biex l-iskart jiġi ddevjat lil hinn minn miżbliet u inċineraturi.

4. Inaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili, inkluż fis-settur tat-trasport. Jaċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli billi jaġġorna l-grilji ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku, jippermetti investimenti fil-ħżin tal-elettriku u jirrazzjonalizza l-proċeduri għall-għoti ta' permessi biex jagħti lok għal aktar żvilupp tal-produzzjoni ta' elettriku mir-riħ, partikolarment lil hinn mill-kosta, u mix-xemx, kif ukoll tal-produzzjoni ta' idroġenu rinnovabbli. Isaħħaħ il-qafas tal-inċentivi għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini. Iżid l-interkonnessjonijiet tal-enerġija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*